MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2272/2003

**Poultry Products Ltd**
**Vs**

**Ta’ Xbiex Lapins Ltd.**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta’ Lm846.01 (tmin mija u sitta u erbghin lira Maltin u centezmu) bhala prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez u interessi kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-18 ta' Novembru 2003 u fis-26 ta' Jannar 2004 naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------